Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Lokalità

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

Data tal-laqgħa: 11 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 16A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:
6 residenti kienu preżenti.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Introduzzjoni mis-Sindku

6.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għas-sitt laqgħa tal-lokalità tad-Disa' Leġislatura.

## 6.2 Qari tal-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 5

6.2.1 Is-Sindku AM qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 5 li saret fis-7 ta' Diċembru 2022.

## 6.3 Rapport Finanzjarju 2022

6.3.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa, fejn ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2022.

## 6.4 u 6.5 Pjan ta' Ħidma 2023 – 2027 u Rapport Amministrattiv 2022

6.5.1 Is-Sindku ta xi tagħrif kemm fuq il-Pjan ta' Ħidma 2023 – 2027, kif ukoll fuq ir-Rapport Amministrattiv 2022. Is-Sindku infurma li dawn iż-żewġ rapport jistgħu jiġu aċċessati direttament mill-*website* tal-Kunsill, jew tista' tintalab kopja mill-uffiċċju.

## 6.6 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

6.6.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

6.6.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- *Traffic Management* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima u Pjazza Bertu Fenech;
- Ostaklu minħabba l-imwejjed u s-siġġijiet li joħorġu xi stabbilimenti tal-ikel;
- Irregolaritajiet fit-toroq, fosthom ipparkjar ħażin u *overspeeding;*
- Nuqqas ta' indafa fit-toroq;
- Skart maħruġ mhux skond l-iskeda; u
- Riħa ta' kimika fl-arja meta jkun riħ isfel.

6.6.3 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil kull min kien preżenti, talli attendew għal din il-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |